

## III

(Atti oħrajn)

## ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

### DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 20/14/COL

tad-29 ta' Jannar 2014

**li temenda, għat-tnejn u disgħin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat**

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea <sup>(1)</sup>, b'mod partikolari l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja, <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 5(2)(b) u 24 tiegħu,

Billi:

Il-Kapitolu fil-Linji Gwida għall-Ghajjnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għall-bini tal-vapuri <sup>(3)</sup> skada fil-31 ta' Diċembru 2013 <sup>(4)</sup>,

Dak il-Kapitolu jikkorrispondi għall-Qafas Komunitarju dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri <sup>(5)</sup> li skada wkoll fil-31 ta' Diċembru 2013 <sup>(6)</sup>,

Fis-6 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) ippubblikat Komunikazzjoni li tikkonċerna l-estensjoni għall-applikazzjoni tal-Qafas dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri sat-30 ta' Ġunju 2014 <sup>(7)</sup>.

Kif stabbilit fil-paragrafu 10 tal-Qafas Komunitarju, il-Kummissjoni tipprevedi l-inklużjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-ghajjnuna għall-innovazzjoni għall-bini tal-vapuri fil-Qafas Komunitarju dwar l-ghajjnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni u l-integrazzjoni tal-ghajjnuna reġjonali għall-bini tal-vapuri fil-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna reġjonali.

Fid-19 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida l-ġodda dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat għall-perjodu 2014–2020. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA wkoll adottat Linji Gwida ġodda dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat għall-perjodu 2014–2020. Madankollu, iż-żewġ Linji Gwida se jkunu applikabbli biss mill-1 ta' Lulju 2014.

Il-Kummissjoni bħalissa qed teżamina wkoll il-Qafas dwar l-ghajjnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Id-data tal-adozzjoni tal-Qafas il-ġdid dwar l-ghajjnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni għadha mhix magħrufa imma hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjem dak il-proċess sat-30 ta' Ġunju 2014.

Meta jitqies li l-Awtorità tipprevedi wkoll l-estensjoni ta' dispożizzjonijiet orizzontali ġenerali għas-settur tal-bini tal-vapuri, kif stabbilit fil-paragrafu 10 tal-Linji Gwida tagħha għall-bini tal-vapuri, u sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat maż-Żona Ekonomika Ewropea kollha, il-perjodu tal-Kapitolu attwali dal-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri għandu jiġġedded.

<sup>(1)</sup> Il-“Ftehim taż-ŻEE”.

<sup>(2)</sup> Il-“Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti”.

<sup>(3)</sup> ĠU L 31, 31.1.2013, p. 77, Suppliment taż-ŻEE Nru 7, 31.1.2013, p. 1.

<sup>(4)</sup> Ara l-paragrafu 35 tal-Linji Gwida għall-Ghajjnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għall-bini tal-vapuri.

<sup>(5)</sup> ĠU C 364, 14.12.2011, p. 9.

<sup>(6)</sup> Ara l-paragrafu 35 tal-Qafas Komunitarju dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri.

<sup>(7)</sup> ĠU C 357, 6.12.2013, p. 1.

Il-Kummissjoni u l-Istati tal-EFTA ġew ikkonsultati.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ewwel sentenza tal-paragrafu 35 tal-Kapitolu fil-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għall-bini tal-vapuri jaqra kif ġej:

“(35) L-Awtorità se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'dawn il-linji gwida sat-30 ta' Ġunju 2014.”

*Artikolu 2*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hi awtentika.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2014.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Oda Helen SLETNES

*Il-President*

Frank BÜCHEL

*Membru tal-Kulleġġ*

---